MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2008

Numru 9999/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**v.**

**Glen Borg**

**Illum, 22 ta' Dicembru, 2008**

**Il-Qorti**:

Dan hu provvediment wara rikors maghmul mill-Avukat Generali fis-16 ta' Dicembru 2008 li permezz tieghu huwa qed jitlob li din il-Qorti tvarja l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest provvisorju imposti fuq Glen Borg mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fid-digriet taghha tat-11 ta' Dicembru 2008.

L-imsemi Glen Borg tressaq b'arrest quddiem dik il-Qorti fil-21 ta' Lulju 2008 akkuzat bir-reat, fost ohrajn, ta'

tenattiv ta’ omicidju ta’ ex-kollega tieghu tax-xoghol Mario Bonello, u dan billi, allegatament, tefaghlu sustanza li taqbad (petrol) u ta n-nar lil dik l-istess sustanza. Huwa jinsab akkuzat ukoll li kkaguna offizi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ l-imsemmi Bonello. Jinsab ukoll akkuzat li huwa recidiv f’delitt.

B’digriet moghti mill-imsemmija Qorti Inferjuri fil-11 ta’ Dicembru 2008 (mhux 12 ta’ Dicembru kif erroneament indikat kemm fir-rikors ta’ l-Avukat Generali kif ukoll fid-dokument a fol. 121 ta’ l-attijiet ta’ l-istruttorja), l-imsemmi Borg inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li jaghmel tajjeb ghal tali beneficcju u ghall-osservanza tal-kundizzjonijiet l-ohra b’garanzija personali ta’ ghaxart elef Ewro (Euro 10,000). L-Avukat Generali qed jilmenta proprju minn din il-forma ta’ garanzija.

Din il-Qorti jkollha, bla tlaqliq, tikkoncedi li l-Avukat Generali ghandu ragun. Din il-Qorti – bhala Qorti Superjuri ta’ Revizjoni f’kazijiet simili – kellha l-opportunita` diversi drabi tosserva li l-garanzija personali mhux biss hija, fost it-tlett modi ta’ garanzija li tipprovdi ghalihom il-ligi, l-anqas wahda idonea, izda meta tkun f’ammonti kbar, bhalma huwa l-kaz odjern, tali garanzija personali anqas taghmel sens ghax ftit li xejn tista’ tkun ta’ fren jew kontroll fuq l-imputat biex dan joqghod ghall-kundizzjonijiet kollha tal-helsien tieghu mill-arrest – ara, fost ohrajn, is-segwenti digrieti ta’ din il-Qorti: ***Il-Pulizija v. Aron Gatt*** 25/11/05; ***Il-Pulizija v. Anthony Schembri*** 17/2/06; ***Il-Pulizija v. Antonio sive Anthony Abdilla u Dorianne Abdilla*** 10/3/06; ***Il-Pulizija v. Costantino Gouder*** 24/1/07; ***Il-Pulizija v. Michael Mifsud et*** 22/8/07; ***Il-Pulizija v. Victor Philip Bajada*** 11/9/07; u ***Il-Pulizija v. Osama Ebeid*** 15/4/08. Huwa evidenti ghalhekk li f’dan il-kaz il-Qorti Inferjuri ezercitata id-diskrezzjoni taghha b’mod manifestament zbaljat, mhux biss meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-gravita` tar-reati addebitati lill-intimat Borg, izda anke fid-dawl ta’ allegazzjoni ta’ xi forma ta’ instabilita` mentali fil-konfront tieghu.

Ghalhekk, it-talba ta’ l-Avukat Generali qed tigi akkolta. Konsegwentement din il-Qorti qed thassar u tirrevoka il-kundizzjoni fid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-kawza fl-ismijiet premessi tal-11 ta’ Dicembru 2008 (fol. 120 tal-attijiet ta’ l-istruttorja) li permezz taghha giet imposta biss garanzija personali ta’ Euro 10,000 u, minflok dik il-kundizjjoni, timponi s-segwenti kundizzjoni

**“li jaghmel tajjeb ghall-dawn il-kundizzjonijiet** [jigifieri ghall-kundizzjonijiet l-ohra kollha msemmija fid-digriet tal-11 ta’ Dicembru 2008] **kif ukoll ghal dak kollu li tghid u trid il-ligi fl-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali billi**

**# jew jiddepozita taht l-awtorita` ta’ din il-Qorti u bhala garanzija s-somma ta’ ghaxart elef Ewro (Euro 10,000), jew**

**# igib plegg tajjeb li jobbliga ruhhu bil-miktub ghall-imsemmija somma ta’ ghaxart elef Ewro (Euro 10,000); f'kaz li jingieb tali plegg il-Qorti tordna li jinghata avviz ta’ erbgha w ghoxrin siegha kif provvdut fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 582 tal-Kodici Kriminali sabiex tkun tista’ tigi determinata l-idoneità ta’ tali plegg, u f’dan il-kaz din il-garanzija ma jkollha ebda effett qabel ma tali plegg jigi approvat minn din il-Qorti.”**

L-intimat Glen Borg ghalhekk ghandu jibqa’ taht arrest preventiv sakemm ma jgibx il-garanzija li qed tigi ordnata bid-digriet tal-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------